MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 2196/2004

**Sharon Balzan (I.D. NRU 450274(M))**

**Vs**

**Simon Balzan (I.D. NRU 384875(M))**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u sitta w erbghin lira Maltin (Lm146) rapprezentanti kontribuzzjoni minnha pretiza minghand il-konvenut ghall-ispejjez ta' l-edukazzjoni tat-tifla konsistenti f'donazzjoni ta' l-iskola Saint Joseph u trasport.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi preliminarjament it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni liema eccezzjoni preliminari giet irtirata u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ispejjez li qieghda titlob li jithallsu gew inkorsi bi ksur tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta'

Mejju, 2003 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' partikolarment il-klawsola numru 2 (i) u l-klawsola numru 2 (v).

Ra li l-attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' wiehed u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm91.50c).

Sema' x-xhieda tal-partijiet u t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri taghhom.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-sena 2004 il-partijiet ftiehmu illi jaghmlu applikazzjoni sabiex it-tifla taghhom Snejana tidhol f'skola tal-knisja u fil-fatt kien l-istess konvenut li gabar l-applikazzjoni minghand l-entitajiet ekklezjastici u kienet l-attrici li pprezentata. Sabiex tintefa' l-applikazzjoni hallset tlett liri Maltin (Lm3) u l-konvenut hallas nofshom.

In segwitu l-partijiet kienu ffortunati bizzejjed li isem it-tifla taghhom tela' w eventwalment giet imdahhla fl-iskola ta' Saint Joseph f'Ta' Sliema.

Il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas il-kontribut ta' nofs mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) tad-donazzjoni ta' l-iskola u qieghed jirrifjuta li jhallas nofs tat-trasport billi huwa jikkontendi li ma jaqbilx li t-tifla tieghu tmur skola tal-knisja izda jrid li t-tifla tieghu tmur skola tal-Gvern.

It-Tribunal jidhirlu illi meta l-partijiet ftiehmu li jaghmlu applikazzjoni biex it-tifla taghhom tidhol f'skola tal-knisja, z-zewg partijiet kienu miftiehmin u m'huwiex konsentit illi mbaghad parti wahda unilateralment tbiddel il-fehma u tezigi li tali bidla ta' hsieb tkun determinanti.

Il-kuntratt ta' separazzjoni jghid espressament illi decizjonijiet importanti fir-rigward tal-minuri partikolarment decizjonijiet fir-rigward ta' l-edukazzjoni jittiehdu *jointly* u mill-provi jirrizulta illi d-decizjoni li ssir l-applikazzjoni ttiehdet *jointly*. Issa huwa l-konvenut li qed jiehu decizjoni unilaterali u galadarba din hija wahda unilaterali u

m’hemmx qbil, jekk huwa jrid ibiddel il-hsieb ir-rimedju tieghu m’huwiex li jirrifjuta li jhallas izda *se mai* li jressaq talba simili quddiem il-Qorti kompetenti.

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenut ma ressaq l-ebda proceduri quddiem il-Qorti kompetenti u ghalhekk it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li joqghod ghad-decizjoni mehuda *jointly* fuq imsemmija.

Minn dan ghalhekk isegwi li hemm obbligazzjoni da parti tal-konvenut li jikkontribwixxi ghall-ispejjez relattivi ghal tali applikazzjoni stante li t-tifla giet maghzula u ghalhekk il-konvenut huwa obbligat li jhallas nofs l-ispejjez edukattivi cjoe’ nofs id-donazzjoni u nofs l-ispejjez tat-trasport.

Fil-kawza odjerna qieghed jintalab biss it-trasport ta’ l-ewwel *term*, stante li fl-ilment li gie pprezentat (19/11/2004) kien skatta biss dan il-kont. It-Tribunal jidhirlu illi l-ammont mitlub kif ridott huwa gustifikat u ghandu jigi milqugh.

It-Tribunal irid jaghmilha cara li mhux qed jiehu decizjoni jekk l-iskola tal-knisja hijiex aktar idonea ghat-tifla minn skola tal-Gvern billi tali decizjoni tezorbita l-kompetenza tieghu izda ma jistax jigi njorat li l-konvenut jaccetta li t-tifla hija kuntenta u sejra tajjeb u li huwa sodisfatt li minn dak li qalulu f’*parent’s day*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ wiehed u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm91.50c) bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------